MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum l-11 ta' Diċembru, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1895/2018/1 LM

**Western Company Limited (C19994)**

***vs.***

**Matthew Charles Costigan, retail administrator, iben Renato u Olympia née Cutajar, imwieled Pietà u residenti Ħamrun (ID 219987M) u martu Maria Costigan, teacher, bint Fedor Rezunenko u Vera née Shikina, imwielda Stravropol, Russia (ID MT 7332195)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tas-soċjetà rikorrenti **Western Company Limited** (C19994) li ġie ppreżentat fit-22 ta' Novembru, 2018, li jgħid:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni*

*kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi, jew jiddisponi inter vvios sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjetà, u b'mod partikolari:*

*i) Dar bin-numru uffiċjali (85) bl-isem 'Dorvic', in Triq il-Kapuċċini, San Ġwann, bl-arja, u parzjalment sovrapposta proprjetà ta' terzi; u*
*ii) Dar bl-arja tagħha, bin-numru uffiċjali erbgħa u tmenin (84), fi Sqaq il-Loġġia, Triq il-Biċċieni, Żabbar, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*Illi s-soċjetà rikorrenti kienet iffirmat skrittura privata fit-2 ta' Ottubru 2017 fejn għaddiet il-ġestjoni ta' ħanut "Ta' Paris Store", Triq Ċesalpina, Ta' Paris, Birkirkara, versu l-prezz ta' €70,000 tal-istokk u l-goodwill apparti taxxi u imgħaxijiet, b'kollox ammontanti għal €99,000;*

*Illi l-intimati ma ħallsu xejn minn dan l-ammont u konsegwentement is-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi tal-intimati fis-somma ta' €99,000;*

*Illi s-soċjetà rikorrenti ddeduċiet din il-pretensjoni f'kawża, liema kawża hija fl-istess ismijiet u hija appuntata għall-4 ta' Diċembru 2018 u għandha rikors ġuramentat numru 1014/18 TA;*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.*

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Novembru, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tal-intimati **Matthew Charles Costigan** (ID 219987M) u **Maria Costigan** (ID 104727A), ippreżentata fit-28 ta' Novembru, 2018, li tgħid kif ġej:

*Illi l-esponenti ġew a konjizzjoni tal-atti tal-mandat fl-ismijiet fuq premessi u qegħdin jopponu għall-ispedizzjoni tiegħu għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Illi s-soċjetà rikorrenti diġà intavolat mandat t'inibizzjoni (numru 1518/2018) identiku għal dak odjern fuq l-istess kawżali li ġie miċħud permezz ta' digriet tas-27 ta' Settembru 2018 hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A' għar-raġuni li t-talbiet ma ġewx pruvati skont il-liġi;*

*2. Illi minn dak in-nhar tad-digriet sa llum ma kienx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi li jimmeritaw li jiġi intavolat mandat t'inibizzjoni ieħor fuq l-istess kawżali. L-esponenti jagħmlu referenza għad-digriet fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 519/2018/1 fl-ismijiet "Daniel Farrugia vs V&F Portelli Investments Ltd (C61109)" fejn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta kellha quddiemha każ identiku fejn saru żewġ mandati ta' inibizzjoni fi żmien xahar bejniethom fuq l-istess kawżali u meta ma kienx hemm bidla fiċ-ċirkostanzi. Dan jimmerita li l-mandat odjern jiġi miċħud.*

*3. Illi dwar il-mertu tal-mandat mhuwiex minnu li l-intimati sa llum ma ħallsu xejn. Sal-lum saru pagamenti fl-ammont ta' €2,859 (Dok. "B") permezz ta' tliet ċekkijiet li għalkemm inħarġu fuq Joseph Tonna ġew imsarrfa mis-soċjetà attriċi. Apparti dawn il-pagamenti ġew depożitati €8,006.61 fir-Reġistru tal-Qorti permezz taċ-ċedola numru 1955/2018 hawn annessa u mmarkata Dok. "C" u dan in vista tal-mandat ta' sekwestru numru 1517/2018;*

*4. Illi mill-iskrittura li saret bejn il-partijiet kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. "D" jirriżulta li s-somma miftiehma kienet ta' €70,000. Din is-somma tikkonsisti fi €27,000 rappreżentanti stock li nxtara mill-esponenti filwaqt li r-rimanenti €43,000 jirrappreżentaw good will. L-ammont ta' €99,000 jirriżulta li huwa wieħed eċċessiv stante li:*

- *i. Il-valur tal-istock ta' €27,000 diġà kien jinkludi fih it-taxxa fuq il-valur miżjud u għalhekk mhuwiex f'loku li terġa' tiżdied ir-rata tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-istess ammont;*
- *ii. Skont l-iskrittura li saret bejn il-partijiet is-somma ta' €70,000 diġà tinkludi fiha 6% imgħax;*
- *iii. Sar depożitu ta' €8,006.61 fir-Reġistru tal-Qorti u għalhekk pretiż naqas;*
- *iv. Il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi dedotta fil-kawża 1014/2018 TA (Dok. "E") hija da liquidarsi. Imkien fir-rikors ma tissemma l-figura ta' €99,000;*

*5 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost f'każ li din l-Onorabbli Qorti hija tal-fehma li l-mandat odjern għandu jintlaqa' sabiex jitħarsu l-jeddijiet tas-soċjetà attriċi,*

*il-mandat għandu jintlaqa' limitatament fuq il-fond 84, fi Sqaq il-Loġġia, Triq il-Biċċieni, Ħaż-Żabbar, stante li l-valur tal-fond jiżboq is-somma reklamata ta' €99,000 hekk kif tidher mill-istima annessa u mmarkat Dok. "F".*

*Għalhekk, in vista tas-suespost, l-ispedizzjoni tal-mandat fl-ismijiet fuq premssi ċertament mhuwiex meħtieġ. Fiċ-ċirkostanzi t-talba odjerna għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz tat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tittenta tinibixxi lill-intimati milli b'xi mod ibiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* b'titolu oneruż jew gratuwitu żewġ proprjetajiet, waħda bin-numru 85, bl-isem 'Dorvic' fi Triq il-Kapuċċini, San Ġwann, liema proprjetà għandha l-arja libera tagħha, kif ukoll id-dar bl-arja tagħha bin-numru 84, Sqaq il-Loġġia, Triq il-Biċċieni, Żabbar, it-tnejn proprjetajiet tal-intimati, in kawtela ta' kreditu li r-rikorrenti tallega li hu

dovut lilha fis-somma ta' disgħa u disgħin elf Euro (€99,000) wara li bejn il-partijiet ġiet iffirmata skrittura privata bid-data tat-2 ta' Ottubru, 2017, għat-trasferiment tal-ġestjoni ta' ħanut bl-isem 'Ta' Paris Store', fi Triq Ċesalpina, Birkirkara u tal-istokk tiegħu. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat ukoll kawża quddiem din il-Qorti diversament preseduta għal-likwidazzjoni ta' dak li hija ssostni li għadu dovut lilha bis-saħħa tal-imsemmi ftehim bejn il-partijiet.

L-intimati min-naħa tagħhom eċċepew li l-pretensjoni tar-rikorrenti hi esaġerata in vista tal-fatt li mhux minnu li l-iskrittura privata ffirmata fit-2 ta' Ottubru, 2017, hija għal kreditu pattwit ta' disgħa u disgħin elf Euro (€99,000), tant li l-kawża fil-mertu li ġiet intavolata mis-soċjetà rikorrenti (Rikors Maħluf Nru 1014/2018 TA) hi għal-likwidazzjoni tal-ammont dovut lir-rikorrenti. Ġie eċċepit ukoll li s-soċjetà rikorrenti diġà ressqet pretensjoni identika għal dik odjerna permezz ta' mandat ta' inibizzjoni ieħor, li iżda ma ntlaqax minn din il-Qorti kif diversament preseduta.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Filwaqt li s-soċjetà rikorrenti ma ppreżentat l-ebda prova dokumentarja flimkien mat-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat, l-intimati ppreżentaw kopja ta' digriet tat-28 ta' Ottubru 2018[1], li permezz tiegħu din il-Qorti kif diversament preseduta ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni li kien mitlub fuq l-istess kawżali, għar-raġuni li din il-Qorti kif

[1] *A fol.* 14 tal-proċess.

diversament preseduta sabet li kienet mankanti l-prova tal-jedd *prima facie* tad-dritt pretiż mis-soċjetà rikorrenti. Ġew ippreżentati wkoll kopji ta’ ċekkijiet maħruġa mill-intimati f’isem Joseph Tonna, li komplessivament jammontaw għal €2,859[2], kif ukoll kopja ta’ ċedola ta’ depożitu tas-soċjetà Bank of Valletta plc[3], li permezz tagħha ġiet iddepożitata s-somma ta’ €8,006.61 appartenenti lis-sekwestrati, l-intimati f’dawn il-proċeduri, taħt l-awtorità tal-Qorti u dan in sodisfazzjon tal-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti. Ġiet ippreżentata wkoll mill-intimati kopja tal-ftehim iffirmat minnhom fit-2 ta’ Ottubru, 2017[4], bit-termini tal-ħlas kif pattwiti bejn il-partijiet, fosthom klawsola li tgħid li mill-aħħar tas-sena 2017, l-intimati kellhom jeffettwaw ħlas fl-ammont ta’ €1,264 kull xahar in sodisfazzjon tal-obbligu tagħhom fil-konfront tar-rikorrenti. Klawsola oħra tistipula illi,

> “[f]’każ li Costigan ma jonorawx dan il-ftehim u jiġu morużi f’pagament ta’ erba’ xhur is-somma tiġi mitluba f’daqqa *in solidum* inkluż it-taxxa.”

L-intimati ppreżentaw ukoll kopja ta’ valutazzjoni bid-data tas-27 ta’ Novembru, 2018, li saret mill-perit Karm Farrugia fir-rigward tal-proprjetà bin-numru 84, Sqaq il-Loġġia, Triq il-Biċċieni, Ħaż-Żabbar, liema proprjetà ġiet ivvalutata li tiswa mija u ħmistax-il elf Euro (€115,000).

[2] *A fol.* 18 tal-proċess.
[3] *A fol.* 25 tal-proċess.
[4] *A fol.* 28 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni, l-iskop ta’ mandat ta’ din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> “873. (2) Il-qorti m’għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.”

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista’ jkun ta’ preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, ’l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[5]

(2) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-

[5] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech pro et noe *vs. Stephanie* Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe *vs.* Stephanie Manfré**[6] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu

[6] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

(3) Il-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni qiegħed jintalab *ai termini* tal-artikolu 874 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema dispożizzjoni tal-liġi tistipula illi mandat ta' din ix-xorta jista' jintalab minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux anqas minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,646.86). L-iskop tal-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħoloq piż jew drittijiet reali jew personali. Skont din id-dispożizzjoni tal-liġi tagħna, mhuwiex meħtieġ li r-rikorrent jipprova li l-ħruġ ta' mandat ta' din ix-xorta hija meħtieġa irrimedjabbilment iżda li l-kreditu jkun jeċċedi l-ammont ta' €11,646.86, u li l-kreditu jirriżulta fuq livell *prima facie.* F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Kevin Attard *vs.* Philip Cardona et**[7], intqal illi:

> "[i]l-Qorti trid tkun iggwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat

[7] P.A. (LSO), 27.11.18.

jiġi definit minn Qorti." (**Vincent Mercieca *vs.* George Galea,** 29.11.2001 u **Technoboradcast srl *vs.* Mediterrenean Broadcasting Ltd,** 05.06.2007)."

Mal-imsemmija elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza;

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[8];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li

[8] P.A., 25.01.2005.

qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[9]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[10]

**Ikkunsidrat:**

L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju huwa dwar jekk il-kreditu pretiż mis-soċjetà rikorrenti jeċċedix is-somma ta' €11,646.86, u jekk dan il-jedd pretiż jirriżultax minn analiżi *prima facie* tal-fatti kif miġjuba quddiem il-Qorti. Fil-fatt jidher li l-kreditu pretiż mis-soċjetà rikorrenti jeċċedi s-somma ta' €11,646.86, u li mad-daqqa t'għajn jidher li s-soċjetà rikorrenti għandha jedd tipproċedi kontra l-intimati għall-ħlas ta' dak dovut lilha bis-saħħa tal-ftehim viġenti bejn il-partijiet. Jidher li l-ammont li kien dovut lis-soċjetà rikorrenti għall-perijodu mill-aħħar ta' Diċembru 2017 sal-lum, jammonta għal tlettax-il elf, disa' mija u erbgħa Euro (€13,904) li minnhom sal-lum tħallsu biss €2,859. Barra minn hekk is-somma ta' tmint elef u sitt Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€8,006.61) appartenenti lill-intimati, ġiet depożitata minn Bank of Valletta p.l.c. wara mandat ta' sekwestru kawtelatorju li sar mis-soċjetà rikorrenti kontra l-intimati.

---

[9] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[10] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

Matul it-trattazzjoni, id-difensur tal-intimati ssolleva l-punt li anki jekk ma jaqbilx maċ-ċifra ta' disgħa u disgħin elf Euro (€99,000) pretiża mir-rikorrenti, f'każ li jiġi ppruvat quddiem il-Qorti li ser tisma' l-kawża fil-mertu li s-somma totali dovuta lis-soċjetà rikorrenti hija ta' €99,000, li minnhom hemm ftit anqas minn ħdax-il elf Euro (€11,000) imħallsa, kull waħda mill-proprjetajiet indikati mis-soċjetà rikorrenti fit-talba tagħha għandha valur li jeċċedi l-ammont pretiż mis-soċjetà rikorrenti. In sostenn ta' din il-linja ta' argumentazzjoni, l-intimati ppreżentaw kopja ta' valutazzjoni mħejjija minn perit fir-rigward tal-proprjetà bin-numru 84, Sqaq il-Loġġia, Triq il-Biċċieni, Ħaż-Żabbar, li skont din il-valutazzjoni li ġiet esebita, għandha valur ta' mija u ħmistax-il elf Euro (€115,000) skont ix-xejriet kurrenti fis-suq tal-proprjetà. Minn dan jirriżulta li l-kreditu pretiż mir-rikorrenti jkun sodisfatt ampjament bl-effetti tal-Mandat li jkunu jolqtu biss proprjetà waħda minn dawk indikati mis-soċjetà rikorrenti fit-talbiet tagħha.

Minn dak li semgħet il-Qorti waqt it-trattazzjoni ta' dan il-Mandat, jirriżulta li filwaqt li l-proprjetà ta' Ħaż-Żabbar għad baqa' xi self x'jitħallas fuqha fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf Euro (€24,000), f'każ li din il-proprjetà jkollha tinbiegħ bil-valur li ġġib illum fis-suq tal-proprjetà (€115,000), wara li jitħallas id-dejn li għad hemm fuqha, xorta waħda jifdal biżżejjed likwidità sabiex jiġu sodisfatti l-pretensjonijiet tar-rikorrenti, u dan in vista tal-fatt li minn kreditu pretiż ta' disgħa u disgħin elf Euro (€99,000), hemm mal-ħdax-il elf Euro (€11,000) diġà mħallsin.

**Decide**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, billi jirriżulta li ġie ppruvat *prima facie* d-dritt pretiż mis-soċjetà rikorrenti u li jezistu wkoll l-elementi neċessarji għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni limitatament però fir-rigward tal-proprjetà indikata bħala dar bl-arja tagħha, bin-numru 84, Sqaq il-Loġġia, Triq il-Biċċieni, Ħaż-Żabbar, filwaqt li tiddikjara li l-proprjetà bin-numru 85, 'Dorvic', Triq il-Kapuċċini, San Ġwann m'għandhiex tibqa' milquta mill-effetti ta' dan il-Mandat, u għall-fini ta' dak li jirrigwardja biss din l-aħħar proprjetà msemmija, qiegħda tirrevoka *contrario imperio* l-effetti tad-digriet tagħha tat-22 ta' Novembru, 2018 sa fejn kienet laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat provviżorjament.**

**Tordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-intimati.**

Mogħti kameralment fil-11 ta' Diċembru, 2018.